MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2009

Citazzjoni Numru. 703/2009

**Av. Peter Fenech bhala mandatarju specjali tas-socjeta` estera The Timberland Company.**

**vs.**

**Dr. Anthony Cutajar u l-Prokuratur Legali Luisa Tufigno li b'digriet tad-19 ta' Ottubru 2009 gew nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti socjeta` esportatrici SHENZHEN YONGXINGBANG INDUSTRY CO. LTD u lill-kunsinjatarju NTP PLAY-BALL**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat tal-Avukat Peter Fenech bil-karta tal-identita' numru 67468M bhala mandatarju specjali tas-

socjeta` estera The Timberland Company datat 20 ta' Lulju 2009 a fol. 1 tal-process fejn espona: -

Illi l-esponenti gie mahtur mandatarju tas-socjeta` estera The Timberland Company ta' 200, Domain Drive, Stratham, New Hampshire, Stati Uniti, sabiex jirrapprezenta l-azzjonijiet gudizzjarji necessarji sabiex jigu protetti l-interessi taghhom.

Illi s-socjeta` rikorrenti hija l-proprjetarja tad-drittijiet registrati bhala *trademarks* mal-Ufficcju tal-Proprjeta` Industrijali ta' Malta msejha 'TIMBERLAND' u 'Tree Logo', liema drittijiet gew registrati l-ewwel darba fit-12 ta' Mejju 1997 u moghtija n-numri ta' registrazzjoni 27074 u 27075 rispettivament (Dok "TC 1" u "TC 2");

Illi fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Gunju tas-sena elfejn u disgha (2009) r-rikorrenti *nomine* gie nfurmat mill-Kontrollur tad-Dwana illi waqt l-iskrutinji tieghu gewwa l-Port Hieles, Marsaxlokk, Malta, huwa kien issosspenda r-rilaxx tal-*container* bin-numru CAXU 9795350 li dahal gewwa l-Port Hieles fuq il-vapur CMA CGM PUCCINI liema vapur kien gej minn Chiwan, Cina fi triqtu lejn Durres, Kosovo u l-*container* kien fih total ta' tliet mija u sitta u tletin (336) pari zraben (Dok "TC 3") kollha bil-marka 'TIMBERLAND', u li *prima facie* dehru lill-Kontrollur tad-Dwana li dawn jikkontravjenu dritt ta' proprjeta` intellewali.

Illi mill-kampjuni li ttiehdu mir-rikorrenti *nomine* u wara li l-istess gew ezaminati minn espert specjalizzat ta' Timberland (UK) Ltd gewwa Slough, l-Inghilterra, *subsidiary company* ta' The Timberland Company, fejn gie determinat li dawn kienu zraben li gew manifatturati u esportati minghajr l-awtorizzazzjoni ta' The Timberland Company, u li l-imsemmija *trademarks* ta' The Timberland Company riprodotti fuq l-istess zraben kienu foloz u r-rapport tal-istess gie esibit fl-atti tal-kawza anness ma' dan ir-rikors guramentat (Dok. "TC 4").

Illi r-rikorrenti *nomine* talab lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex jiddetjeni l-merkanzija suspettata gewwa Malta

sabiex *a tenur* tal-**artikolu 7 tal-Kapitolu 414 tal-Ligijiet ta' Malta** huwa jipprocedi civilment ghall-decizjoni dwar in-natura tal-merkanzija detenuta u l-Kontrollur tad-Dwana laqa` din it-talba li jinzammu dawn l-oggetti.

Illi din il-merkanzija nqabbdet mill-Port Hieles ta' Malta u l-Kontrollur tad-Dwana jaf li l-kunsinjatarju tal-merkanzija huwa NTP PLAY-BALL minn Lipjan, Kosovo u dan skont dak citat fil-polza ta' taghbija numru SZ1501323 (Dok "TC 5").

Illi, l-azzjonijiet tal-intimati jiksru d-disposizzjonijiet tal-**artikolu 4 tal-Kap 414 tal-Ligijiet ta' Malta**, kif ukoll ta' l-**artikolu 10 (2) (b) tal-Att Dwar it-Trademarks (Kap 416)** u huma azzjonabbli b'applikazzjoni tad-disposizzjonijiet rilevanti tal-**artikoli 14-19** tal-istess **Kap 416** u l-**artikoli 7** u **8** tal-istess **Kap 414**;

Illi s-socjeta` rikorrenti ghandha kull interess li tippromwovi din l-azzjoni gudizzjarja sabiex tikkawtela u tenforza l-jeddijiet taghha;

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Illi ghalhekk l-istess socjeta` rikorrenti *nomine* talbet lis-socjeta` intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara li l-oggetti konsistenti f'tliet mija u sitta u tletin (336) pari zraben imsemmija li fuqhom hemm l-marka 'TIMBERLAND', u li jinsabu prezentement taht l-awtorita` tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien issospenda r-rilaxx tal-*container* bin-numru CAXU 9795350 kontenenti l-imsemmija pari zraben, huma kontrafatti u b'hekk jikkontravjenu d-drittijiet ta' proprjeta` intelletwali tar-rikorrenti fir-rigward tat-*trademarks* taghha: 'TIMBERLAND' u 'Tree Logo', liema drittijiet gew registrati l-ewwel darba fit-12 ta' Mejju 1997 u moghtija n-numri ta' registrazzjoni 27074 u 27075 rispettivament (Dok "TC 1" u "TC 2").

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddisponi minn tali oggetti 'l hinn mill-kanali tal-kummerc b'dak il-mod li

jipprekludu xi hsara lir-rikorrenti, jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddistruggi dawk z-zraben, f'kull kaz minghajr ebda kumpens lil u a spejjez tal-intimati.

3. Tordna li l-intimati ghandhom ibatu l-ispejjez kollha konnessi mal-mizuri ordnati *ai termini* tat-tieni u t-tielet talbiet tar-rikorrenti, inkluzi dawk tat-trasport tal-imsemmija zraben ghall-hazna f'Malta qabel id-distruzzjoni eventwali taghhom, tal-hazna stess, tat-*tallying* u tal-ispejjez dovuti lill-Kontrollur tad-Dwana kif ukoll tat-trasport mil-lok tal-hazna ghal-lok eventwali ta' distruzzjoni inkluz l-ispejjez inkorsi ghad-distruzzjoni finali tal-istess oggetti.

Bl-ispejjez kontra l-intimati li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda (fol. 3) u d-dokumenti esebiti kif jidhru a fol. 5 sa fol. 9 tal-process.

Rat id-digriet datat 19 ta' Ottubru 2009 fejn gew nominati l-kuraturi deputati sabiex jidhru ghall-entitajiet intimati.

Rat li dan ir-rikors gie appuntat ghas-smigh ghas-seduta tal-1 ta' Dicembru 2009, b'dan illi l-Qorti ordnat lis-socjeta` attrici sabiex sa zmien tletin (30) gurnata minn dak inhar stess tipprezenta l-affidavits taghha u tax-xhieda minnha ndikati, li jistghu jsiru bil-procedura tal-affidavit, bid-dokumenti kollha relattivi, bin-notifika lill-kontro-parti jew lid-difensuri tal-kontro-parti u b'riserva ta' kontro-ezami.

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati datata 12 ta' Novembru 2009 (fol. 27) fejn eccepew:-

1. Illi f'dan l-istadju l-esponenti mhux edotti mill-fatti u ghallhekk jirriservaw li jipprezentaw risposta ulterjuri meta u jekk jirrnexxilhomx jikkomunikaw mal-assenti minnhom rappresentati u f'dan ir-rigward minn issa jitolbu lir-rikorrenti jipprovdu, jekk ghanhom, xi indirizzi tal-assenti intimati u/jew numru tal-fax e-mail address tal-istess.

Rat il-lista ta’ xhieda tal-istess kuraturi a fol. 27 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fl-1 ta’ Dicembru 2009 fejn meta ssejhet il-kawza dehret Dr. Rita Mifsud ghall-attur *nomine* u Dr. Anthony Cutajar li rrimettew ruhhom ghall-atti. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-10 ta’ Dicembru 2009.

Rat ix-xhieda kollha prodotta.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li s-socjeta` rikorrenti hija l-proprjetarja tad-drittijiet registrati bhala *trademarks* mal-Ufficcju tal-Proprjeta` Industrijali ta’ Malta msejha ‘TIMBERLAND’ u ‘Tree Logo’, liema drittijiet gew registrati l-ewwel darba fit-12 ta’ Mejju 1997 u moghtija n-numri ta’ registrazzjoni 27074 u 27075 rispettivament (Dok “TC 1” u “TC 2”).

Illi jirrizulta wkoll li fl-24 ta’ Gunju 2009 r-rikorrenti *nomine* gie nfurmat mill-Kontrollur tad-Dwana illi fit-28 ta’ Mejju 2009 waqt l-iskrutinji tieghu gewwa l-Port Hieles, Marsaxlokk, Malta, huwa kien issospenda r-rilaxx tal-*container* bin-numru CAXU 9795350 li dahal gewwa l-Port Hieles fuq il-vapur CMA CGM PUCCINI liema vapur kien gej minn Chiwan, Cina fi triqtu lejn Durres, Kosovo u l-*container* kien fih total ta’ tliet mija u sitta u tletin (336) pari zraben (Dok “TC 3”) kollha bil-marka ‘TIMBERLAND’ u dan ghaliex *prima facie* deher lill-Kontrollur tad-Dwana li dawn jikkontravjenu dritt ta’ proprjeta` intellewali peress li kienu kontrafatti (affidavit ta’ l-uffucjal tad-Dwana George Agius datat 24 ta’ Novembru 2009). Jirrizulta li skont il-polza ta’ karigu s-socjeta’ esportatrici kienet SHENZEN YONGXINGBANG INDUSTRY CO. LTD u din kienet destinata ghall kunsinatarju NTP PLAY-BALL (Dok. “TC5”).

Illi fil-fatt minn rapport li sar mis-socjeta' attrici datat 25 ta' Gunju 2007 (Dok. "TC4") jirrizulta li l-istess zraben kienu fil-fatt kontrafatti u ghalhekk l-allegazzjonijiet attrici gew ippruvati, ma humiex attwalment kontestati, u ghalhekk it-talbiet attrici qed jigu milqugha.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati biss in kwantu l-istess huma nkonsistenti ma' dak hawn deciz, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:-

1. Tiddikjara li l-oggetti konsistenti f' tliet mija u sitta u tletin (336) pari zraben imsemmija li fuqhom hemm il-marka 'TIMBERLAND', u li jinsabu prezentement taht l-awtorita` tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien issospenda r-rilaxx tal-*container* bin-numru CAXU 9795350 kontenenti l-imsemmija pari zraben, huma kontrafatti u b'hekk jikkontravjenu d-drittijiet ta' proprjeta` intellettwali tar-rikorrenti fir-rigward tat-*trademarks* taghha : 'TIMBERLAND' u 'Tree Logo', liema drittijiet gew registrati l-ewwel darba fit-12 ta' Mejju 1997 u moghtija n-numri ta' registrazzjoni 27074 u 27075 rispettivament (Dok "TC 1" u "TC 2").

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li fi zmien qasir u perentorju ta' disghin (90) il-gurnata mid-data ta' din is-sentenza jiddistruggi dawn iz-zraben fuq indikati f'din id-decizjoni, f'kull kaz minghajr ebda kumpens lil u a spejjez tal-intimati.

3. Tordna li l-intimati ghandhom ibatu l-ispejjez kollha konnessi mal-mizuri ordnati *ai termini* tat-tieni talba tar-rikorrenti *nomine*, inkluzi dawk tat-trasport tal-imsemmija zraben ghall-hazna f'Malta qabel id-distruzzjoni eventwali taghhom, tal-hazna stess, tat-*tallying* u tal-ispejjez dovuti lill-Kontrollur tad-Dwana kif ukoll tat-trasport mil-lok tal-hazna ghal-lok eventwali ta' distruzzjoni nkluz l-ispejjez inkorsi ghad-distruzzjoni finali tal-istess oggetti.

Bl-ispejjez kontra l-entitajiet intimati b'dan li l-kuraturi deputati jithallsu skont il-ligi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------